# Pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa

# 25 Anniversarju

**Komunita' Dixxipli ta' Ġesu'**

*Annunzjata Ċentru għall-Evanġelizzazzjoni u Formazzjoni*
*13, Triq Anton Agius,*
*Floriana FRN1135*
*21 230 233   21 242 016*
*www.disciplesofjesus.org.mt*

## *"Dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm."* (Luqa 24:33)

**Il-Komunita' Dixxipli ta' Ġesu` qed torganizza Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa bejn l-1 u id-9 ta' Mejju 2013, fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju mit-twaqqif tagħha. Flimkien ma' Fr Paul Fenech, immorru fl-għejjun tal-viżjoni u l-missjoni tagħna u fl-għeruq tal-ispiritwalita` tagħna. Nitilqu mid-dar fejn Marija laqgħet il-Kelma ta' Alla, inkarnat fil-ġuf tagħha, u minfejn telqet biex tagħtiha, l-ewwel lill-qariba tagħha u mbagħad lill-umanita' kollha, biex saret il-Kewkba tal-Evanġelizzazzjoni. Ninżlu fil-Ġordan, fejn inġeddu l-Magħmudija tagħna u l-għażla libera li nimxu wara Ġesu` bħala dixxipli Tiegħu. Nagħmlu l-mixja li mxew id-dixxipli tul il-ministeru pubbliku ta' Ġesu`: mill-muntanja tal-Beatitudni saċ-Ċenaklu; mill-ferħ Kana għall-biża' f'nofs il-baħar tal-Galilea; mill-quċċata tat-Tabor għall-wied tal-Ġethsemani; iżda fuq kollox, mill-Golgotha u s-Santu Sepulkru għall-għolja tal-Axxensjoni, fejn nerġgħu nirċievu l-Mandat il-Kbir. Żewġ mumenti speċjali oħra jkunu is-Siegħa Adorazzjoni bil-lejl biex nishru *"mqar siegħ a waħda"* ma' Ġesu`, u t-talba għall-Magħmudija fl-Ispirtu fil-Kamra ta' Fuq biex, bħalma l-Appostli ħarġu jippridkaw nhar Pentekoste, hekk ukoll aħna nitilqu minn Ġerusalemm b' ħeġġa ġdida biex nevanġelizzaw lill-*Oikos* tagħna u lil dawk kollha li l-Mulej ilaqqgħana magħhom.**

**Matul il-Pellegrinaġġ ikollna l-Gwida Esperta ta'**
**Patri Twanny Chircop OFM - Kummissarju tal-Art Imqaddsa**




## P R O G R A M M

### L-Erbgħa 1 Mejju

Naslu l-ajruport ta' Ben Gurion - Nibqgħu sejrin Nazzaret.



### Il-Ħamis 2 Mejju

Quddiesa Nazzaret. Inżuru Nazzaret. *Lunch* Nazzaret. Immorru fuq il-muntanja Tabor. Inżuru l-Għolja tal-Karmelu u nirritornaw għaċ-ċena f'Nazzaret.



### Il-Ġimgħa 3 Mejju

Immorru Kafarnaum fejn niċċelebraw il-Quddiesa. Inżuru Tabgħa u l-Għolja tal-Beatitudnijiet. F' nofs inhar naqsmu l-Baħar tal-Galilea bid-dgħajsa. *Lunch* f' Ain Gev. Immorru Yardenit, il-post tal-Magħmudija. Inżuru Kana u lura Nazzaret għaċ-ċena.

### Is-Sibt 4 Mejju

Inħallu Nazzaret. Ngħaddu mill-wied ta' Ġeriko u nżuru Ġeriko. Immorru l-Għolja tat-Tentazzjonijiet u nibqgħu sejrin il-Baħar il-Mejjet. Inżuru Qumran fejn nieqfu għal-*Lunch*. Nitilqu għal Betanja, fejn nieqfu għall-Quddiesa. Wara nibqgħu sejrin il-*Hotel* f' Betlehem għaċ-ċena.



**Il-Ħadd 5 Mejju**
Fil-għodu nqattgħuh Betlehem fejn nagħmlu żjara bil-Quddiesa. *Lunch*. Inżuru l-Għalqa tar-Ragħajja. Immorru Ain Karem. Nerġgħu lura Betlehem għaċ-ċena.



**It-Tnejn 6 Mejju**
Inħallu Betlehem u mmorru fuq l-Għolja taż-Żebbuġ. Wara Betfaġe, l-Għolja tal-Axxensjoni eċċ. *Lunch* fil-*Hotel* Ġerusalemm. Immorru l-Għolja ta' Sijon għall-Quddiesa fiċ-Ċenakolino. Lura l-*Hotel* għaċ-ċena. Wara, fit-8.30p.m., nagħmlu Siegħa Adorazzjoni fil-Bażilka u mbagħad nerġgħu lura l-*Hotel*.



**It-Tlieta 7 Mejju**
Ġurnata f' Ġerusalemm. Inżuru s-Santu Sepulkru, fejn niċċelebraw il-Quddiesa. Inżuru l-Kwartier tal-Lhud, il-Knisja ta' Sant'Anna, il-post tal-Flaġellazzjoni, it-Triq tas-Salib. Nieqfu għal-*Lunch*. Wara nofs inhar ikollna ħin liberu u mbagħad nirritornaw il-*Hotel* għaċ-ċena.



**L-Erbgħa 8 Mejju**
Inżuru Yad Vashem. Immorru Emmaws fejn niċċelebraw il-Quddiesa. *Lunch*. Wara nofs inhar ikollna ħin liberu u mbagħad nirritornaw il-*Hotel* għaċ-ċena.

**Il-Ħamis 9 Mejju**
Inħallu Ġerusalemm għall-Ajruport ta' Ben Gurion għat-titjira tagħna lura Malta, li titlaq fis-7:05am

## Prezz: €1,175

**Il-prezz jinkludi: It-titjiriet Malta-Ċipru-Israel u lura;**
**il-Pellegrinaġġ kollu *full-board*;**
**l-*Insurance*; it-trasport;**
**it-*tips*;**
**il-*Badge*;**
**il-Ktieb tat-Talb għall-Pellegrinaġġ;**
**il-Gwida bil-Malti *"L-Art Imqaddsa mal-Franġiskani"*;**
**il-Gwida.**

## *BOOKINGS*

Ċempell lil **Fr Paul Fenech** fuq 99 80 22 90 jew 21 230 233 jew 21 242 016; jew

Ikteb lil **Pellegrinaġġ għall-Art Imqaddsa**
**ACEF, 13, Triq Anton Agius, Floriana FRN 1135**

u tirċievi konferma.

**Ma jkun ikkonfermat l-ebda *booking* qabel ma jitħallsu €500 bħala depositu.**